Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8453 — Nestlé/BPW)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 310/06)

1. Fil-11 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara rinviju skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nestlé S. A. (Nestlé) (l-Iżvizzera),

— Beverage Partners Worldwide, S. A. (BPW) (l-Iżvizzera), impriża konġunta b'funzjoni sħiħa kkontrollata minn Nestlé u mill-Coca-Cola Company (TCCC) (l-Istati Uniti).

Nestlé takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll waħdani tan-Negozju NESTEA kollu fil-pajjiżi Ewropej kollha ħlief fi Spanja, il-Portugall u Andorra, li bħalissa huwa operat minn BPW.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' kuntratt ta' tmexxija jew kwalunkwe mezzi oħra.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Nestlé: Il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-ħalib, il-ġelat, ix-xjenza tan-nutrizzjoni u tas-saħħa, xorb kif ukoll prodotti tal-ħelu u tal-kura tal-annimali domestiċi,

— għal BPW: id-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' xorb ibbażat fuq it-te lest biex jinxtorob (ready-to-drink, RTD), kif ukoll bażijiet għax-xorb użati fil-produzzjoni tagħhom, bil-marka NESTEA.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8453 — Nestlé/BPW

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.